KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

7/9

**Id-disa (9) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsilier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba

2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tat-Tmien Laqgħa

3. Waqfa Bord tal-Aġġudikazzjoni

4. Tenders

   KLM/T/01/2015 - Provision of Services of a Youth Worker for the Mosta Youth Empowerment Centre

   KLM/T/02/2015 – Tender for Planting, Cleaning and Maintenance of Parks, Gardens, and Soft Areas

   KLM/T/03/2015 - Tender for Patching Works in the Locality of Mosta

   KLM/T/04/2015 - Condition and Specifications of Services for Collection of Mixed Household Waste in an Environmentally Manner

5. **Approvazzjoni**
   - Quarterly Financial Report – April-June 2015
   - Skeda ta' pagamenti
   - Purchase Orders

- Works Orders
- Petty Cash

6. Korrispondenza
7. Ilmenti
8. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
9. Kommunikazzjoni mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Tmien Laqgħa**

Il-minuti tat-tmien (8) tal-Laqgħa li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**5. Approvazzjoni**

**i) Quarterly Financial Report – April-June 2015**

Is-Sindku għamel sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt nru 5 ta' l-Agenda . L-accountant is-Sur Daniel Galea għamel analiżi tar-rapport finanzjarju April- Ġunju 2015 fejn irrimarka li l-ispiża fuq skart qed tiżdied drastikament. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa sabiex isir analaiżi ta' din l-ispiża . Is-Sindku rrimarka li l-aħjar hu sabiex tinħareġ ċifra separata ta' kemm qed jitħallsu flus lill-kuntrattur u lill-Wasterserve. Huwa żied jgħid li ma jħossx li għandhom jitnaqqsu il-ġranet li jinġabar l-iskart minħabba l-fatt li fil-Kunsill Lokali tal-Mosta preżentament għandu problema fuq din il-materja . Il-Kunsillier Alexander Muscat qabel mas-Sindku u rrimarka li hu jaħseb li jekk ssir din l-evalwazzjoni u jsir capping fit-tender il-ġdida ma jibqax jintefa aktar piż finanzjarju minn dak allokat kull sena fl-estimi tal-budget.

Is-Sindku qabel ma dak li qal il-Kunsillier Alexander Muscat.

Il-membri tal-Kunsill Lokali qablu b'mod unanimu fuq dak li ġie ssuġġerit kemm mis-Sindku kif ukoll mil-Kunsillier Alexander Muscat.

L-accountant is-Sur Daniel Galea nforma lill-membri li f'dawn l-aħħar tlett xhur li lunsill finanzjarjament miexi fit-triq it-tajba għaliex minn dan ir-rapport finanzjraju jidher ċar li dejn tal-Kunsill qiegħed jonqos u għaldaqstant mexjin fi triq tajba kif talbu u rrimarkaw l-awdituri fir-rapport annwali tal-2014.

**1. Waqfa Bord tal-Aġġudikazzjoni**

Is-Sindku waqqaf il-bord tal-Aġġudikazzjoni li ser ikun iffurmat minn :

- Is-Sindku Edwin Vassallo
- Il-Kunsillier Alexander Muscat
- Il-Kunsillier Dr. Karl Tanti

Il-membri qablu unanimament.

**Fid-9.00 p.m. il-Kunsillier Dr. Angele Rapa u l-Kunsillier James Cassar u l-Kunsillier Mark Micallef ġew skużati għall-kumplament tal-laqgħa.**

**2. Tenders**

**(i) KLM/T/01/2015 - Provision of Services of a Youth Worker for the Mosta Youth Empowerment Centre**

Is-Sindku nforma lill-membri li jrid joħroġ dan imsemmi tender u qiegħed jipproponi sabiex isir capping ta 13 Euros siegħa. Il-Kunsillier Alex Muscat issekonda lis-Sindku.

Il-kumplament tal-Kunsill qablu unanimament.

**(ii) KLM/T/02/2015 – Tender for Planting, Cleaning and Maintenance of Parks, Gardens, and Soft Areas**

Is-Sindku nforma lill-membri li jrid joħroġ dan imsemmi tender u qiegħed jipproponi sabiex isir capping ta 40,000 Euros sena. Il-Kunsillier Alex Muscat issekonda lis-Sindku.

Il-kumplament tal-Kunsill qablu unanimament.

**(iii) KLM/T/03/2015 - Tender for Patching Works in the Locality of Mosta**

Il-Kunsill Lokali kkunsidra ħafna fatturi fuq din estensjoni tat-tender u għaldaqstant qabel ma ttieħed deċiżjoni finali, s-Sindku rrakomanda li biex isir evalwazzjoni kif xieraq għandha issir estensjoni tat-tender preżenti sa Lulju 2016. Il-Kunsillier Keith Cassar issekonda lis-Sindku.

Il-kumplament tal-membri qablu unanimament.

**(iv) KLM/T/04/2015 - Condition and Specifications of Services for Collection of Mixed Household Waste in an Environmentally Manner**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar din it-tender. Fuq rakkomandazzjoni tal-Accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea, qal li ser jiġi evalwat qabel ma joħroġ tender trid tkun evalwata spiża rikorrenti minħabba li qed jintefa piż finanzjarju fuq il-Kunsill Lokali. Għalhekk is-Sindku bi qbil mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Michael Mifsud issuġġerixxew sabiex l-accountant jevalwa l-ispiża rikorrenti li l-Kunsill qed iħallas lill-kuntrattur u l-ispiża rikorrenti li l-Kunsill Lokali irrid iħallas lil Wasteserve. Din l-evalwazzjoni qed isir biex qabel ma joħroġ dan l-imsemmi tender inkunu stabillejna l-ispiża rikorrenti tal-kuntrattur u b'hekk ikun jista isir capping fit-tender il-ġdid.

**Fid-9.35 p.m. is-Sur Keith Cassar ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.**

**3. Approvazzjoni**

**ii) Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**iii) Purchase Orders**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**iv) Works Orders**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**v) Petty Cash**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**4. Korrispondenza**

**Korrispondenza Nru 1 – Memo 16/2015 – Migrazzjoni għall-akkwist elettroniku**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri sabiex il-bord tal-aġġudikazzjoni irridu jattendu għal taħriġ kif inhu mitlub f'din il-memo, Il-membri ddeċidew li għandhom ikellmu lis-Segretarju minħabba l-impenji tax-xogħol tagħhom.

**Korrispondenza Nru 2 – Memo 17/2015 – Ġbir ta Skart Separat**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma li nformazzjoni intbagħtet lid-Dipartiment kif kien mitlub.

**Korrispondenza Nru 3 – Tat-tarġa Camping**

Is-Sindku nforma lill-membri li din talba ser iħalliha pendenti sabiex l-ewwel jitkellem mal-Avukat tal-Kunsill fuq il-preokuppazjoni tiegħu ta' dan is-sit.

**Korrispondenza Nru 4 – Apprezzament –Teotokos – Omm Alla -1 ta' Awwisssu 2015**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva ittra minn Teotokos.

**Korrispondenza Nru 5 – Memo 19/2015 – Ħinijiet tal-Ġbir ta Skart mill-Kunsill Lokali**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma li nformazzjoni intbagħtet lid-Dipartiment kif kien mitlub.

**Korrispondenza Nru 6 – Memo 20/2015 – Pubblikazzjoijiet tal-Kunsilli Lokali – Lista ta niċeċ fil-lokalita**

Fuq approvazzjoni mill-Kunsill il-lista ta niċeċ għandha tintbagħat lid-Dipartiment u tittieħed mill-ktieb li kien ħareġ il-Kunsill .

**Korrispondenza Nru 7 – Launching of Giardina tal-Paci in Mosta on the occasion of the Jum il-Mosta celebrations**

Din il-korrispondenza ġiet approvata mill-Kunsill.

5. **Ilmenti**

**Ilment Nru 30 – Suġetiment sabiex Sqaq Nru 1 fi Triq il-Fortizza jingħata isem għax mhux qed jinstab f'każ ta' ambulanza.**

Il-Kunsill qal li l-ewwel niċċekkjaw mas-Sur Philip Azzopardi il-handyman tal-Kunsill jekk hemmx imniżżel numru ta' Sqaq f'din l-imsemmija triq . Jekk le ikunu ordnati l-ismijiet Sqaq Nru 1 fi Triq il-Fortizza u Sqaq Nru 2 fi Triq il-Fortizza.

**Ilment Nru 31 – L-isqaq illi hemm fi Triq il-Bufula Ħamra qed jgħaddu l-karozzi minnu minn zewġ naħat. Hemm bżonn li ssir xi ħaġa għax qed ikun perikoluż.**

Il-Kunsill qabel li jsiru bollards kif kien hemm qabel.

**6. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti**

3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillier Keith Cassar sabiex jagħti rendikont ta kif mexa l-proċess fil-ġimgħat tal-festa . Dan qed isir sabiex itejbu l-affarijiet ħżiena li saru għas-sena dieħla.

**4. Ġieħ il-Mosta**

Is-Sindku nforma li l-applikazzjonijiet ta' Ġieħ il-Mosta għalqu u ġew miftuħa nominazzjoijiet li wasslu.

Għal Ġieħ il-Mosta ġew 6 nominazzjonijiet

- Is-sur Charlie Schembri
- Is-Sur Joseph P. Demartino
- Is-Sinjura Martina Fenech
- Is-Sinjura Catherine Micallef
- Mosta Football Club
- Dun Mario Tong

Għar-rikonoxximent tal-Mosta 2015 waslulna 3 nominazzjonijiet

- Frans Deguara
- Martina Fenech
- Mario Meli

F'dan ir-rigward is-Sur Ivan Bartolo qal li fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill kif kien ġie deċiż f'laqgħat preċedenti ser jittieħed vot sigriet għal min ser jirbaħ Ġieħ il-Mosta 2015. Filwaqt li minn nominazzjonijiet tar-rikonoxximent ser jittieħed vot minn bord sabiex wieħed/waħda/għaqda fosthom tirbaħ Ġieħ il-Mosta b'vot sigriet.

Il-kunsilliera fil-Bord huma:

- Edwin Vassallo
- Alex Muscat
- Pia Bonnici.

L-aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-budget għall-Jum il-Mosta ma jistax jaqbeż l-allokazzjoni ta' tlett elef u mitejn ewro (€3200) . Il-Kunsillier Ivan Bartolo poġġa fuq il-mejda u ddiskuta dawn iż-żewġ programmi :

- **Programm propost għall-attivitajiet ta' Jum il-Mosta - Settembru 2015**
- **Programm ta' attivitajiet: Settembru 2015 - Awwissu 2016**

Il-membri qablu b'mod unanimu.

**7. Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni mis-Sindku.

**8. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar it-**Tnejn 14 ta Settembru 2015 fis-7.30 p.m.**

Laqgħa spiċċat fis-7.30 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 14/9/2014